MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 119/1991/2

**Jerome Pace**

***-vs-***

**Paul Muscat f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentanti ta' ibnu minuri Jason Muscat**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-27 ta' Gunju 1990, waqt li l-minuri Jason Muscat kien qieghed isuq karozza f'Autumn Street, Mosta imhabba traskuragni, imperizja, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan korra lill-attur u kkawzalu debilita` permanenti;

Premess illi ghad-danni kawzati lill-attur minn tifel minuri huwa responsabbli l-konvenut skond id-disposizzjoni tal-ligi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-danni kollha sofferti mill-esponent fil-korriment fuq imsemmi kienu kawzati bi htija tat-tifel minuri Jason Muscat;

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghar-rizarciment ta’ dawk id-danni;

3. Tillikwida dawn id-danni, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Novembru 1990 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi l-attur m’ghandu ebda azzjoni kontra Paul Muscat f’ismu proprju li ghandu jigi liberat mid-domandi;

Illi kwantu ghad-domandi kontra Jason Muscat, hu ma setax jara lill-attur meta regga lura l-karozza u kien hemm negligenza da parti ta’ l-attur li, fi kwalunkwe kaz, irid jipprova li sofra debilitazzjoni permanenti;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-20 ta’ Gunju 1991 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Novembru 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert mediku Dr. Joseph Attard biex jassisti lill-espert legali gja nominat;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmija esperti nominati li tinsab a fol. 80 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-esperti relaturi moghtija fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 1998;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu 1999;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Fil-kaz taht konsiderazzjoni ma jidherx li huwa kontestat illi:-

I. l-incident li fih l-attur allegatament sofra danni sehh meta l-attur intlaqat minn vettura misjuqa minn Jason Muscat. Dan kif ammess *a tempo vergine* minn dan ta’ l-ahhar. Ara l-verbal ta’ l-okkorrenza esebita minn fol. 64 sa fol. 67;

II. li fl-ispjegazzjoni konfessata mill-imsemmi Jason Muscat (fol. 116) d-dinamika ta' l-incident kienet din: "startjat, dahhalt ir-*reverse*, harist lejn il-bankina u gara l-incident." Li jfisser li s-sinistru sehh fil-fazi ta' l-indetreggjar tal-vettura biex is-sewwieq ikun jista' johrog minn bejn il-vetturi parkeggjati;

Jirrizulta illi fil-jum (27 ta' Gunju 1990) li fih avvera l-incident Jason Muscat kien ghadu minorenni u, dippju, minghajr licenzja tas-sewqan. Din il-konsiderazzjoni ta' fatt twassal ghal din il-konsiderazzjoni ta' dritt, ukoll in referenza u bi twegiba ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *proprio*;

L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreciza in linea generali illi "kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk."

Bhala missier li mil-ligi ghandu affidat it-tutela u l-harsien ta' ibnu minuri, "hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix" (Artikolu 1034 tal-Kodici Civili);

Kif akkolt minn kazistika pacifika din ix-xorta ta' responsabilita` hi dik civili indiretta "*che ha il suo fondamento nella 'culpa in vigilando' di coloro che hanno la cura del minore*" ("**William James Davies –vs- John McHallam**", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' April 1925). "Il-missier allura ghandhu kontra tieghu l-presunzjoni legali li hu responsabbli ghad-danni kagjonati minn ibnu minuri, sakemm huwa ma jipprovax sodisfacentement illi, bhala missier tajjeb tal-familja, huwa ha hsieb ibnu biex il-fatt dannuz ma jigix kommess" ("**Nicola Magro –vs- Geraldo Zammit *proprio et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' April 1960). "Din il-prova trid tkun sufficcjenti, u tali li twaqqa' l-presunzjoni legali, b'mod li mhux bizzejjed li missier jipprova li, meta ibnu minuri ghamel il-kaz, u kkaguna d-dannu, hu kien okkupat fuq ix-xoghol."

(“**Joseph Zammit –vs- Joseph Cutajar et**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 19 ta’ Jannar 1956);

Dejjem in tema ghal din il-materja jinsab akkolt illi anke f’kaz bhal dak hawn trattat, “hemm bzonn li jigi provat illi l-persuna prezunta responsabbli ghall-fatt ta’ haddiehor tat okkazjoni ghal dak il-fatt bi htija taghha proprju; ghax f’dan il-kaz si tratta ta’ kwazi-delitt fejn hi rikjesta l-htija tal-persuna responsabbli. Mhux necessarju li jkun hemm kwazi-delitt da parti ta’ l-awtur tal-fatt, ghax il-persuni dikjarati responsabbli mil-ligi huma tenuti mhux minhabba l-htija ta’ min ikkommetta l-fatt, imma minhabba l-htija taghhom proprja, billi ma mpedewx il-fatt; u jirrispondu appuntu ghaliex ittraskuraw id-dover taghhom” – “**Pasquale Zerafa –vs- Carmelo Gauci**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Dicembru 1955;

Kif ahjar precizat f’din l-ahhar citata sentenza riportata a **Vol. XXXIX P II p 799**, “ghaldaqstant, missier, biex jigi dikjarat responsabbli ta’ danni kommessi minn ibnu minuri, hemm bzonn li jigi pruvat li l-minuri kkommetta l-hsara, li l-minuri kien taht il-kura tieghu, u li l-mssier ma uzax id-diligenza ta’ missier tajjeb tal-familja, anzi ommetta l-vigilanza necessarja fuq ibnu, biex jipprevjeni l-fatt ta’ ibnu.”;

Riportat dan l-insenjament ghal kaz prezenti huwa bil-wisq ovvju illi:-

i. Il-kawza immedjata ta’ l-incident kienet attribwibbli ghan-nuqqas ta’ mizuri prekawzjonali da parte ta’ Jason Muscat fil-mument li ddecieda li jirriversja. Il-htija ghalhekk, kif ben tajjeb ravvizat mill-perit legali, ma tistax ma tkunx addossata lilu billi kien dover tieghu li jara li l-manuvra ta’ l-indetreggar issir sew b’mod li ma tohloq perikolu ghal hadd;

ii. L-imsemmi Jason Muscat, in kwantu ma kienx ghadu lahaq l-eta` maggjuri, kien certament ghadu taht il-kura tal-konvenut missieru;

iii. Minn dak mistqarr minn Jason Muscat proprju fil-bidunett tax-xhieda tieghu (fol. 115), wiehed jiehu l-impressjoni li l-okkazjoni *de quo* ma kienetx l-ewwel darba li saq vettura: "Naf li kont parkjat u kien ili xi ftit ghax mort nixtri minghand petrol station xi ftit 'il boghod". Jidher li dan il-fatt tas-sewqan kien maghruf sew minn misieru Paul Muscat li, fil-verita meta xehed (fol. 117) ma semma xejn a propozitu. Huwa illimita ruhu biss biex jghid li hu ma jaf xejn dwar l-incident ghax kien fuq qadja. Il-prezunta htija tieghu hi allura ovvja in kwantu, kif fuq manifest, hi fondata fuq in-nuqqas ta' diligenza li l-persuna indirettament responsabbli kien imissha tippresta;

Minn dan, imbaghad, titnissel riflessjoni ohra wkoll. Jekk il-konvenut kien konxju tal-fatt illi ibnu kien qed jabbuza u jsuq kellu certament xjenza wkoll illi dan ibnu kien qed isuq meta ma kienx regolarment munit b'licenzja tas-sewqan u allura wkoll mhux kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Dan hu sahansitra desumibbli minn diskorsu stess fl-okkazjoni ta' meta kien gharraf lill-attur li ibnu kien bla licenzja (fol. 117). Meta dan hu hekk il-kaz jigi li hu ppermetta, jew ghallanqas ma impediex, li tinsaq vettura minn persuna mhix licenzjata. F'kaz bhal dan hu jigi meqjus responsabbli solidalment ghad-danni derivanti mill-incident, b'mod li min isofri l-hsara ghandu dritt idur ghal hlas anke fil-konfront tieghu;

Stabbilita r-responsabilita` tifdal il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni subiti mill-attur;

Fir-relazzjoni tieghu (fol. 91) l-espert mediku sab li l-attur garrab disabilita` permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) b'rizultat ta' l-incident. Dan l-espert zamm sod ma' din il-konkluzjoni ragunta minnu anke taht it-tirocinju ta' l-eskussjoni (fol. 154). Infatti huwa ssostanzja r-rizultanza peritali billi kkonferma:-

(a) li huwa ezamina lill-attur minn fuq s'isfel u ma rriskontra l-ebda abnormalita` la fil-muskoli u lanqas fil-gogi billi l-griehi sofferti kienu fiequ sew. Dan stabbilih ukoll minn ezami ta' l-X-Rays ta' l-Isptar;

(b) b'danakollu, sab li l-attur kien ghadu qed jilmenta minn xi ugigh, anke jekk dan ma kienx jirrendih inkapaci jahdem jew li jimxi;

(c) kien ghal din il-kostatazzjoni ta' l-ugigh u ghal fatt li 'l quddiem seta' jizviluppa osteo-artrite illi akkordalu biss tnejn fil-mija (2%);

(d) il-precentwali raggunta ma kienetx komprensiva ta' malanni u ugigh iehor li seta' kellu l-attur qabel l-incident;

Il-Qorti tikkonkorda imbaghad mal-kriterji addottati mill-perit legali u jidhrilha u huma gusti kemm ghal dak li hu ammont (Lm65) tal-qliegh settimanali applikat u kemm ghal dak li hu l-*multiplier* (tnax-il sena);

Taqbel ukoll illi ma ghandux ikun hemm detrazzjoni tas-solitu ghoxrin fil-mija (20%) jew porzjoni minn din il-percentwali minhabba *lump sum payment*. Dan ghar-raguni semplici illi ormai gja ghaddew kwazi tlettax-il sena mid-data ta' l-incident u l-likwidazzjoni ghalkemm issa determinata ghadha ma gietx imhallsa lill-attur. Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine*, tiddikjara lill-konvenut kif imharrek responsabbli ghad-danni subiti mill-attur fl-incident tas-27 ta' Gunju 1990, u allura, bl-akkoljiment ukoll tat-tieni talba, responsabbli ghar-rizarciment ta' dawn id-danni;

Tilqa' t-tielet domanda u tillikwida d-danni kif kalkolati fir-relazzjoni peritali (fol. 90) fl-ammont ta' tmien mija u hdax-il lira Maltija (Lm811), bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza;

Tilqa' konsegwentement ir-raba' domanda billi tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut *proprio et nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------